FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru, 2002

**Numru 24**

**Avviz numru 1811/02JR**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Thomas Xuereb u l-istess Thomas Xuereb**

**vs**

**Kevin Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Lulju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u hamsin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm159.92), u fejn intqal:**

**Illi l-konvenut huwa debitur ta' l-atturi fis-somma ta' mija u disgha u hamsin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm159.92) u dana in kwantu ghas-somma ta' mija u erbgha u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm134.92) lis-socjeta` attrici assikurattrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur l-iehor, Thomas Xuereb, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru DBA-389 fl-10 t'April, 2001, fil-limiti tan-Naxxar habat mal-vettura numru LAC-334 proprjeta` ta' Thomas Xuereb u ikkaguna danni f'din l-istess vettura;**

**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 18 t'Ottubru, 2001, u tal-parir (Lm15.00) u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, kontra l-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Louis Bianchi ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tinsab soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' L-Att V ta' l-1995, it-Tribunal stante li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici assikurattrici s-somma ta' mija u erbgha u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm134.92c) u lill-attur Thomas Xuereb is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-25 ta' Lulju, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 18 t'Ottubru, 2001, u ta' l-ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut prezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**